MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Avviz Numru. 47/2013

**DHL International Limited**

**vs**

**Logic Pass Limited**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta’ konvenuta tghid il-ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta’ attrici is-somma ta’ sitt elef, hames mija u tlieta u ghoxrin Euro u seba’ u hamsin centezmu (€6523.57) rapprezentanti servizzi ordnati mis-socjeta` konvenuta, liema servizzi jinkludu garr ta’ pakketti li gew kkonsenjati bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni u bl-imghax mid-data tal-fatturi.

Rat in-nota tal-istess socjeta’ konvenuta, ppresentata fl-10 ta’ April 2013 (a fol. 6) li biha l-istess socjeta’ konvenuta, kif rapprezentata, ammettiet it-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

In vista ta’ dak premess il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lil dik attrici is-somma ta’ sitt elef, hames mija u tlieta u ghoxrin Euro u seba’ u hamsin centezmu (€6,523.57), bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta u bl-imghax mid-data tal-fatturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------